**MALTA**

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)

**MAĠISTRAT DR. NADIA H. VELLA B.A., LL.D., Dip. Trib. Eccl. Melit.,**

Seduta ta' nhar it-8 ta' April 2024

Avviż Numru: 197/2022NHV

**Videoslots Limited**
(C49090)

**vs.**

**Heidi Jennifer Payne**

Il-Qorti

Rat l-**Avviż** fl-ismijiet premessi, ippreżentat fit-2 ta' Settembru 2022, li permezz tiegħu, is-soċjetà attriċi talbet il-ħlas mingħand il-konvenuta tas-somma ta' tnax-il elf sebgħa u sittin Ewro u tmien ċenteżmi (€12,067.08) rappreżentanti flejjes li hija ggwadanjat illegalment mis-soċjetà rikorrenti permezz ta' aġir illegali u frawdolenti.

Ġew mitluba wkoll l-ispejjeż u l-imgħaxijiet legali kontra l-konvenuta, inġunta in subizzjoni.

Rat li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenuta ġiet debitament notifikata kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Smigħ tal-kawża, hija ma

kkontestatx il-kawża fit-terminu preskritt mil-liġi u lanqas ma dehret għas-seduti li nżammu quddiem il-Qorti.

Rat il-**Kapitolu** li ġie ppreżentat mis-soċjetà attriċi fil-konfront tal-konvenuta u l-fatt li l-konvenuta Heidi Jennifer Payne naqset milli tidher sabiex tirrispondih, u għalhekk ai termini tal-Artikolu 702 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, il-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, l-istess kapitolu għandu jittieħed bħala mistqarr.

**Deċide**

Għaldaqstant, peress li t-talba tas-soċjetà attriċi tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, il-Qorti tilqa` t-talba attriċi u konsegwentement tikkundanna lill-konvenuta Heidi Jennifer Payne tħallas lis-soċjetà attriċi is-somma ta' tnax-il elf sebgħa u sittin Ewro u tmien ċenteżmi (€12,067.08), bl-imgħax legali dekorribbli mill-preżenti, sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż tal-preżenti huma a kariku tal-konvenuta.

**Dr. Nadia H. Vella**
Maġistrat

**Naomi Bonello**
Deputat Reġistratur